# Beati u Qaddisin...Jannar

## 16 ta' JANNAR

## Beatu Guzeppi Vaz, missjunarju.



Huwa l-ewwel indjan li gie mgholli ghall-gieh ta' l-artali: Jose' Vaz twieled gewwa Benaulim (Goa) fil-21 ta' April tas-sena 1651. Dak iz-zmien din l-art kienet kolonja tal-Portugal.

Gewwa Goa temm l-istudji tieghu universitarji biex imbaghad ha l-ordinazzjoni ta' sacerdot fis-sena 1676. L-isqof ta' Goa baghtu gewwa l-Kanara biex hemm jaqdi l-appostolat tieghu.  Baqa' hemm xi snin u bil-hidma tieghu bla taqta' u fejjieda ddistingwa ruhu bhala rghajj zelanti.

Huwa waqqaf kommnita' ta' sacerdoti bir-regola ta' San Filippu Neri maghrufa bhala l-Oratorjani.  Imma ma damx wisq li ma telaqx biex ikunu missjunarju ta' Kristu gewwa c-Celyon, l-attwali  Sri Lank, minn fejn gew imkeccija l-missjunjarji kattolici kollha, minhabba l-kalvinisti olandizi li heddew li joqtluhom.

Billi kien jaf seww l-periklu li kien hemm jistennih, Jose' Vaz, sbarka bil-mohbi gewwa Jaffna fis-sena 1686 u b'diffikulta' kbira fittex li jaghmel kuntatt ma' xi

kattolici li baqghu fidili ghat-twemmin taghhom.  Huwa kien jiccelebra l-quddiesa matul il-lejl ghall-beneficcju ta' dawn l-insara.

Minn hemm baqa' diehel 'l gewwa lejn il-kapitali u wasal gewwa Kandy li kienet art indipendenti mill-okkupazzjoni olandiza u portugiza.

Hemm gie arrestat billi sabu li kien barrani, imma aktar tard gie mehlus u sab ruhu liberu li jmur fejn irid u jippridka minghajr tfixkil.

Fis-sena 1696 grupp ta' fratelli oratorjani inghaqad mieghu u b'hekk seta' johloq l-ewwel missjoni ghal dik il-gzira ta' Kandy. Kellha success kbir ghaliex kien hemm mitt elf kattoliku prattikanti. Irrifjuta li jinhatar vigarju appostoliku biex jibqa' jahdem ta' missjunarju, ittraduca l-katekizmu u t-talb f'zewg lingwi lokali, it-tamil u s-singalesi.

Il-forzi ta' gismu hallewh u Jose' Vaz miet fisa-16 ta' Jannar tas-sena 1711 gewwa Kandy, li saret il-bazi ta' kull attivita' kattolika ghas-Ceylon.

Kien beatifikat minn Papa Gwann Pawlu II fil-21 ta' Jannar 1995 gewwa Colombo fis-Sri Lanka.